Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,899, 29 ta' Lulju, 2022

Taqsima B

A.L. 217 tal-2022

ATT DWAR IL-BASTIMENTI MERKANTILI
(KAP. 234)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA
(KAP. 499)

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA
(KAP. 545)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 374 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u, bl-artikolu 37 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru responsabbli għall-bastimenti u għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u l-Ministru responsabbli għas-servizzi tal-enerġija u l-ilma, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 545.18.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Diesel fuel li għandu l-kodiċi HS27101943 bl-indikatur nazzjonali u li fih il-kulur, ma għandux jinbigħ, jiġi offrut għall-bejgħ, jew inkella rriklamat għal bastimenti ta' aktar minn erbgħa u għoxrin (24) metru tul, eskluż l-bastimenti rreġistrati għas-sajd."; u

(b) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu għandu

jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Kull persuna li tonqos milli tikkonforma ma' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan ir-regolament għandha tkun ħatja ta' reat u għandha teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn għaxart elef euro (€10,000) iżda li ma teċċedix disgħa u sittin elf u tmien mitt euro (€69,800) jew priġunerija għal żmien li ma jeċċedix tmintax-il (18) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda f'każ li ma jkunx hemm konformità mas-subregolament (4), il-Qorti għandha wkoll tordna s-sospensjoni tal-Awtorizzazzjoni ta' Bunkering maħruġa skont ir-Regolamenti dwar l-Awtorizzazzjoni ta' Bunkering għal dak il-perjodu li ma għandux ikun inqas minn sitt (6) xhur.".

L.S. 545.25.